MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

15 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fil-6.55 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulhadd kien preżenti għall-laqgħa li bdiet siegħa tard u għaldaqstant is-Sindku skuża ruħhu mar-residenti .

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Mark Anthony Spiteri.
Apoloġija aċċettata.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Approvati wara li saret korrezzjoni mis-Sinjura Marisa Abela minhabba li fil-minuti taħt Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma tniżżilx il-punt li 'talbet sabiex issir mera fi Triq Lorenzo Manche' k/m Ganni Portelli. Din it-talba giet milqugħa.'

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu stima ta' €678 VAT eskluża sabiex isir *survey* biex jiġi evalwat jekk l-ilma jeqlibx fuq l-*embankment.* Peress li l-istima kienet viċin l-istima tal-Perit tal-Kunsill il-Kunsill iddeċieda li jikkummissjona x-xogħol lill-Perit tal-Kunsill. Għaldaqstant l-ispiża ġiet approvata.

Is-Sindku talab lis-Segretarja biex tressaq talba magħmula lilha mis-Sur Philip Caruana. Is-Sur Caruana talab li jitħallas tal-leave (65 ġurnata) li ma ħax dawn l-aħħar sentejn. Hi kompliet li skond ir-regoli tal-HR leave tal-irtirar jista' jitħallas sa sentejn imma taħseb li tista' ssir eċċezzjoni wara li tittieħed in kunsiderazzjoni li dan f'ħames snin kull ma ħa jumejn *sick leave*. Il-Kunsill kollu qabel li għandu jitħallas tagħhom kollha.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.4.1 Is-Sinjura Connie Scerri saqsiet fuq *bin* tal-iskart fi Triq iż-Żir. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bin jinsab ordnat.

## 22.5 Rapporti

22.5.1 Ma kienx hemm rapport x'jitressqu.

## 22.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-*Draft Budget.*

22.6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-*Budget* hekk kif sottomess mis-Segretarju Eżekuttiv. Id-*Draft Budget* ġie approvat hekk kif sottomess suġġett għal xi tibdiliet li jista' jkun hemm għall-verżjoni *accrual based.*

Is-Sur Cassar qal li hemm bżonn li l-Kunsill:

- jeħles mill-i*stock* ta' kotba li għandu
- jagħti prijorita' lill-bankini

Is-Sur Cordina qal li hemm toroq għadajjar sħaħ biex ma jsemmix ismijiet.

Is-Sur Cassar qal ukoll li din is-sena (2017) jaħbat il-75 sena tal-Anniversarju tal-Banda u ta' min jorganiżża xi ħaġa konnessa ma' din l-okkażjoni.

Is-Sur Alfred Zammit ħalla l-kamra għall-ħabta ta' 07.45pm

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

22.7.1 Approvati wara li nqraw iċ-ċekkijiet miżjuda min-numru 52 sa 59 tal-iskeda.

## 22.8 Rizoluzzjonijiet u/jew Mozzjonijiet

22.8.1 Ma kienx hemm rizoluzzjonijiet u mozzjonijiet.

## 22.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-8.05pm u ġiet aġġornata għall-11 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 11 ta' Jannar 2017.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv